MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 326/1989/1

**Anthony Borg**

**vs**

**Albert Mizzi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Airmalta Company Limited u b’nota tal-15 ta’ Mejju 1992 Joseph Tabone assuma l-atti tal-kawza minflok Albert Mizzi**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ipremetta:

Peress illi l-attur li huwa impjegat tas-socjeta’ konvenuta waqt li kien qieghed jaghmel xogholu u dan cioe fl-10 ta’

Lulju, 1987 f'xi 2.30 p.m. kien involut f'incident u b'hekk soffra danni konsiderevoli u ta' natura permanenti kif jirrizulta anke mill-anness certifikat mediku imhejji mit-tabib Casaletto FRCS immarkat bhala Dok A.

Peress illi tali incident gara tort unikament tal-konvenut minhabba f'imperizja negligenza u non osservanza tar-regolamenti. Peress illil-konvenut interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni u jhallas l-istess izda inutilment.

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onarabbli Qorti:

1. Tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-incident tal-10 ta' Lulju 1987 fejn korra gravament l-attur.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur hekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

3.Tikkundanna l-konvenut ihallas l-ammont likwidat.

Bl-ispejjes u bl-imghaxx. Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol.3 tal-process:

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet** tas-socjeta' konvenuta a fol. 8 tal-process fejn eccepiet:

(1) Illi t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident li fih l-attur jallega li soffra danni jew ghal xi nuqqas jew att kif cirkoskritt fic-citazzjoni u ai termini tal-Artikolu 1033, tal-Kodici Civili.

(2) Illi kwantu ghall-kap tal-ispejjes ghandu jigi notat illi l-attur ma avvanza *claim* la bl-ittra legali u lanqas ufficjali, u dan kuntrarjament ghal dak prevvist fir-raba' paragrafu tad-dikjarazzjoni.

(3) F’kull kaz din il-Qorti ghandha tordna l-isfilz tac-certifikat mediku tat-Tabib Casaletto in kwantu dan gie mqabbad *ex parte* mill-attur stess.

(4) Item 5 tal-lista tax-xhieda mhiex konformi mad-dispost tal-ligi fir-rigward u ghalhekk ma jistghux jigu mharrka xhieda li isimhom mhux maghruf.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali a fol. 89 tal-process.

Rat ir-rapport tal-espert mediku Mr. Frederick Zammit Maempel a fol. 107 tal-process.

Rat ir-rapport tal-periti medici addizjonali a fol. 188 tal-process.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur.

Rat in-nota responsiva tas-socjeta’ konvenuta.

Rat ir-replika tal-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

**FATTI**

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghall-likwidazzjoni tad-danni konsistenti f’disabilita’ permanenti sofferta’ mill-attur waqt l-ezekuzzjoni ta’ xogholu mas-socjeta’ konvenuta. L-incident li fih korra l-attur sehh fl-10 ta’ Lulju 1987 ghal habta tas-2.30pm. L-attur kien impjegat bhala *aircraft engineer* mas-socjeta’ konvenuta u kien illu hekk impjegat sa mill-1983. Dakinhar ta’ l-incident huwa kien qed jaghmel *turnaround check* fuq ajruplan tat-tip Boeing 720B. Dan ix-xoghol kien jinkludi *checking* tal-ajruplan u verifiki tal-*logbook.* Fil-kaz in kwistjoni kienet qed issir spezzjoni bejn l-inzul ta’ passiggiera minn titjira u t-tluq ta’ titjira ohra. Mill-verifiki tal-*logbook* irrizulta li kien hemm *indication problem* fir-*rear passenger door* u ghalhekk tressaq it-tarag lejn dan il-bieb, u l-attur tela’ t-tarag u malli

wasal fil-*platform* ta' fuq u kien qed ihares lejn l-*iswitch* tal-bieb miftuh, liema *switch* kien jinsab max-xambrella tal-lemin tal-bieb, huwa tgerbeb ghal gol-ajruplan qiesu xi hadd tah gambetta. Meta kien ma' l-art huwa hares lura u nnota li l-*platform* tat-tarag kienet gholja zewg pulzieri jew aktar mill-qiegh tal-bieb u kienet imbeghda mill-ajruplan xi sitt pulzieri. Huwa rrealizza dan wara li tgerbeb ghaliex siequ x-xellugija dahlet fil-*gap* ta' bejn il-*platform* u l-ajruplan. Huwa jghid li ma setghax jara l-*gap* minhabba x-xemx u minhabba l-varjanza tal-gholi. Fil-hin ta' l-incident l-attur kien assistit minn Martin Fenech li huwa *avionic technician*, Dan tal-ahhar kien tiela' t-tarag wara l-attur u huwa kkorobora l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attur.

Mill-provi rrizulta li hemm zewg tipi ta' *steps*, dawk manwali u dawk bix-xufier. Fuq ajruplan Boeing 720B kienu jitqeghdu *steps* bix-xufier mal-*exit* ta' quddiem u manwali fuq wara. Il-manwali jahdmu l-quddiem, lura, lagenba u l-iskalapiza taghhm toghla u titbaxxa. It-*tractor* iressaq dawn il-*manual steps* magenb l-ajruplan, jaggustawh il-*loaders* bil-kollaborazzjoni tal-*isteward* fuq l-ajruplan u jqeghdulu l-*jacks* sabiex ma jiccaqlaqx. Sabiex seta' jissewwa d-difett fl-*indication switch* in kwistjoni kien necessarju li l-attur jidhol gol-ajruplan u bhala procedura t-tiswija ta' difett issir wara l-isbark tal-passiggieri.

Jidher li l-attur korra wara li siequ dahlet fl-ispazju li kien hemm bejn it-tarf tal-*manual steps* u l-ajruplan, li kif diga' inghad aktar il-fuq kienu tlett pulzieri aktar gholja mid-dhul ghall-ajruplan skond l-attur u x-xhud minnu prodott, Martin Fenech.

**KONTESTAZZJONI**

Is-socjeta' konvenuta ssostni li ma kienx hemm incidenti ohra fuq dawk l-*isteps* rappurtati lilha u l-anqas ma kienet irceviet ebda ilment mill-passiggiera lli kienu ghadhom kemm sbarkaw. Hija ghalhekk tirritjeni li m'ghandhiex tinstab responsabbli ghall-akkadut ghaliex hija tista' tinstab responsabbli fl-eventwalita' li hija tkun impjegat nies mhux kwalifikati ghax-xoghol jew inkella jekk ma jkollhiex sistema ta' sigurta' li qed tiffunzjona. Hija tghid li

fil-kaz in ezami dawn il-fatturi ma rrizultawx. Skond is-socjeta' konvenuta *employer* ma jistghax jinstab hati ta' nuqqas ta' diligenza jekk fuq il-post tax-xoghol ikollu kollox skond il-ligi. Dejjem skond is-socjeta' konvenuta l-attur kien repsonsabbli ghal dak lli gara ghaliex huwa kien negligenti u dan jirriuzlta mill-fatt li huwa ammetta li kien qed ihares lejn l-*iswitch* u mhux lejn l-art u ghahlhekk huwa tgerbeb ghaliex kien aljenat.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**RESPONSABILITA'**

Il-Qorti taqbel ma dak sottomess mill-perit legali li l-fatt li ma kienx hemm incidenti ohra fuq l-*isteps* dakinhar tal-incident u lanqas ma kien hemm ilmenti dwarhom huwa irrilevanti u dan ghaliex m'huwiex eskluz li dawn l-*isteps* setghu iccaqalqu jew altrimenti gew aggustati bejn il-mument li nizlu l-passiggiera minn fuq l-ajruplan sakemm tela' l-attur.

L-attur ipprova li fil-mument li sehh l-incident l-*isteps* kienu tlett pulzieri aktar gholjin mill-parti t'isfel tal-bieb tal-ajruplan u sitt pulzieri l-barra, u dan ghamlu permezz tax-xhieda tieghu stess kif ukoll permezz tax-xhieda ta' Martin Fenech. Is-socjeta' konvenuta ma resqet ebda prova sabiex tikkontradici l-prova mressqa mill-attur f'dan ir-rigward.

Mill-provi prodotti mill-attur irrizulta li l-incident in kwistjoni gara ghaliex l-*isteps* ma kienux f'posizzjoni idoneja u fil-fatt wara l-incident l-attur u Martin Fenech imbuttaw l-*isteps* lejn l-ajruplan u baxxewhom sabiex jigu evitati incidenti ohra u dan peress li kien sar il-hin sabiex jibdew telghin il-passiggiera ghat-titjira ta' wara.

It-tqeghid tal-*isteps* fil-posizzjoni gusta ma kienx il-kompitu ta' l-attur jew ta' Martin Frenech izda ta' haddiema ohra fit-taqsima tar-*ramp services* tas-socjeta' konvenuta. Din tal-ahhar kellha l-obbligu li tissorvelja li x-xoghol isir fis-sigurta' u fil-kaz partikolari dan kien jinvolvi kura u

attenzjonii mill-addetti fit-taqsima tar-*ramp services* li jaccertaw ruhhom li l-*isteps* kienu mqeghda tajjeb.

Kif irrileva il-perit legali s-socjeta' konvneuta ma resqet l-ebda prova li hija hadet xi mizuri sabiex taccerta ruha li l-apparat jew taghmir taghha jkun operat b'mod idoneu ghall-uzu intiz. Is-socjeta' konvenuta ghandha ghalhekk twiegeb ghal dan in-nuqqas u cioe' ghal fatt li s-sistema ta' sorveljanza taghha ma kienitx efficjenti bizzejjed sabiex jigu evitati ncidenti bhal dak li sehh lill-attur.

L-attur ma jistghax jinghad li kkontribwixxa ghall-akkadut semplicement ghaliex ghazel li jinzel mill-*isteps* ta' quddiem wara li kien gab il-*logboo*k mill-*cockpit* u rega' tela' mill-*isteps* ta' wara minflok mexa' t-tul tal-ajruplan minn gewwa, ghaliex il-kawza prossima ta' l-incident kien il-fatt li l-*employer* tieghu naqas milli jiprovdielu access sikur ghall-ajruplan fejn huwa kellu jesegwixxi xogholu.

Huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna li min jimpjega ghandu l-obbligu lli jipprovdi *a safe system of work*. F'sentenza tal-15 ta' Novembru 2004 fl-kawza fl-ismijiet Joseph **Cini vs Joseph Wells et nomine** il-Qorti tal-Appell spjegat illi;

*"Min ihaddem gahndu dover lli jipprovdi post tax-xoghol li ma jipprezenta ebda perikolu u riskju zejjed ghas-sahha tal-haddiem. Isegwi li min ihaddem ghandu dover ukoll li jipprovdi sorveljanza adegwata, inkluza dik li jipprovdi ghal certu nuqqasijiet ta' haddiema li ta' sikwit ikollhom tendenza minhabba familjarita' zejda max-xoghol li jitraskuraw riskji inerenti fix-xoghol taghhom".*

Fil-kaz odjern irrizulta li s-socjeta' konvenuta naqset mill-obbligu taghha ta' *employe*r li tipprovdi post tax-xoghol u sistema tax-xoghol bla riskji u perikoli u dan ghaliex il-fatt li l-iskalapiza kienet imqeghda b'tali mod li biha l-attur spicca biex tgerbeb u wegga' ifisser li s-sistema ta' sorveljanza addottata mis-socjeta' konvenuta ma kienitx adegwata sabiex jigi garantit *a safe system of work*

Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

**LIKIWDAZZJONI TAD-DANNI**

Dannum Emergens

L-attur ma ressaq ebda prova dokumentarja in kwantu ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-*dannum emergens* u l-Qorti jidrilha lli ma hemmx lok li jigi likwidat xejn taht dan il-kap.

**Lucrum cessans**

Skond l-espert mediku Frederick Zammit Maempel (rapport esebit a fol. 107 tal-process) l-attur ma sofra ebda disabilita' permanenti bhala rizultat tal-incident li jifforma l-mertu ta' din il-kawza. Mill-banda l-ohra l-periti medici addizzjonali (ara rapport esebit a fol. 188) irritenew li l-attur sofra rata ta' disabilita' permanenti ta' 2%.

L-ewwel espert mediku li ezamina lil-attur hdax il-sena wara li sehh l-incident in ezami ikkonkluda is-segwenti:-

*"Jiena ma sibt ebda xhieda ta' nuqqas ta' funzjoni fir-rigel tax-xellug (muscle wasting) u l-anqas ma sibt evidenza ta' artrite fl-ghaksa kif mistenni jizviluppa kieku kellu hsara fil-ligamenti tal-gog. L-xrays juru li Borg twieled b'ghadma zejda fil-pala x-xellugija (accessory navicular) u dan mhux tant rari, u f'dawn il-kazi l-ghadma navicular tkun aktar prominenti.*

*B'konkluzjoni, fil-fehma tieghi, is-Sur Anthony Borg ma ghandu ebda dizabilita' permanenti bhala rizultat tal-incident imsemmi".*

L-esperti medici addizzjonali ukoll irrilevaw li l-attur kellu *accessory navicular bone*. Huma spjegaw li n-*navicular bone* tizviluppa minn zewg ghadmiet li s-soltu jsiru ghadma wahda meta wiehed ikun *teenager*. Huma spjegaw ukoll li gieli jigri li dawn iz-zewg ghadmiet jibqghu separati b'*gog* falz bejniethom u qalu li dan il-*gog*

falz jista' jiehu *stress* b'xi waqgha jew liwja biex b'hekk jinfetah u jkun il-kawza ta' ugiegh  Huma qalu li minn ezami tal-*xrays* li kelhom jiehdu mill-gdid hadu l-impressjoni li l-attur caqlaq xi ftit dan il-*gog* falz li hemm bejn in-navicular u l-accessory navicular u jispjegaw li *"ladarba ha skoss fih, is-Sur Borg jibqa' jbati xi ftit meta jimxi fit-tul fuq l-imharbat, jitla' u jinzel it-tarag ecc."*

Irid jigi rilevat li l-esperti addizzjonali ezaminaw lill-attur sbatax il-sena wara li sehh l-incident in ezami u fil-fehma tal-Qorti mir-rapport taghhom ma jirrizultax li hemm ness bejn ic-caqliq fil-*gog* falz u l-incident in ezami. Fil-fehma tal-Qorti ir-rapport tal-ewwel espert mediku li ezamina lill-attur f'data aktar qrib l-incident huwa aktar attendibbli. Kif diga intqal aktar il-fuq huwa ma rriskontra ebda evidenza ta' artirite fl-ghaksa kif huwa msitenni li jigri li kieku l-attur kellu hsara fil-*ligament* tal-*gog.*

Il-Qorti ghalhekk ser taddotta l-konkluzjonijiet tal-ewwel espert mediku u in vista tal-fatt li gie hemm ritenut li l-attur ma sofra ebda dizabilita' permanenti bhala konsegwenza ta' l-incident li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna, m'hemmx lok li jigu likiwdati danni taht il-kap ta' lucrum cessans.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur
U tichad iz-zewg talbiet l-ohra
Spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------